Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-EWWEL LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 2 ta' April 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet ghall-bidu mmexxija mill-Kunsillier l-iktar anzjan, Dott. Herbert Messina Ferrante u tkompliet wara l-accettazzjoni tal-Kariga u gurament tal-Hatra mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

Il-laqgha bdiet billi d-Dott. Herbert Messina Ferrante ha postu f'nofs il-mejda. Hu qal li kien unur ghalih li jippresjedi l-ewwel laqgha u awgura l-kulhadd ghas-success li kollha kisbu. Kompla billi qal li dan hu Kunsill ikbar b'iktar fehmiet u ghalhekk l-ewwel hsieb ghandu jkun li jintesew il-fehmiet politici u jahdmu kollha b'ghan wiehed, dak li jaghmlu l-villagg taghhom l-aqwa fost il-Kunsilli Lokali ta' Malta.

1. **ACCETAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU.**
   Dott. Herbert Messina Ferrante dar fuq is-Sur Cordina u saqsieh jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku? Is-Sur Cordina accetta u ffirma l-accettazzjoni tal-kariga u prezentaha lis-Segrtetarju Ezekuttiv.

2. **ACCETTAZZJONI TAL-KARIGA TAL-VICI SINDKU**

   Is-Sur Cordina dar fuq is-Sur Mark Anthony Spiteri u saqsieh jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku. Is-Sur Spiteri accetta u ffirma l-accettazzjoni tal-kariga li giet prezentata lis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Spiteri rringrazzja lis-Sindku filwaqt li ta merhba lill-membri tal-Kunsill il-godda.

3. **KARIGI**
   Is-Sur Cordina qara l-Karigi (kopja annessa ma' dawn il-minuti) li kienu ha jigu assenjati hekk kif imhejja minnu u qal li dan ma jfissirx li l-karigi li ghandu hu jew li ghandu kull wiehed minnhom ha jinhadmu mill-persuni inkarigati wahidhom imma kulhadd ghandu jkun *punto di riferenza.*

   Is-Sur J.P. Bonnici qal li xtaq li jkun inkarigat ukoll mill-attivitajiet kulturali. Din giet mizjuda mal-lista. Is-Sur Cassar qal li ghandha tizdied mobilita' u hekk sar fejn gie

nkarigat hu minna filwaqt lil s-Sur Herbert Messina Ferrante qal li xtaq ikun Assistent Editur.

Is-Sur Bartolo qal li hu jixtieq jahdem fuq Relazzjonijiet Pubblici u li lest jahdem mas-Segretarju Ezekuttiv ghax ihossu komdu f'din il-kariga u jahdem tajjeb hafna, ghallinqas hekk kien f'dawn l-ahhar sitt xhur mas-Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sur Cassar qal ukoll li kien hemm sotto-kumitat bl-isem Bord Azzjoni Wied Incita li kien hu Chairman tieghu u li kien kompost mill-Kunsill kollu. Dan il-bord ha jibqa' l-istess.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jrid jinhatar Bord t'Aggudikazzjoni. Is-Sur Spiteri qal li jista' joqghod kulhadd u anzi jekk ikunu differenti ahjar halli jkun hemm iktar trasparenza.

Ghalkemm is-Sindku qal li fl-ewwel laqgha ma kienx hemm punti mqajjma tressqu dawn il-punti:
Dott Herbert Messina Ferrante:

- Saqsa jekk kienx hemm pjan ta' bankini? Is-Sur Cordina wiegeb li s-Sur P. Caruana kellu l-lista kollha tat-toroq ta' H'Attard u kien qed jaghmel ronda dwar l-istat tal-bankini qabel ma jsir pjan.
- Talab ukoll li peress hu ma tantx juza l-e-mail li jintbaghat sms qabel sabiex jekk ikun hemm xi haga mportanti jigi nfurmat.

Sur Ralph Cassar

- Talab li jsir it-3 year Business Plan. Is-Segretarju qalet li kollox ha jsir inkluz il-laqgha ppublika u thejjija tal-full format tal-Budget il-gdid wara li taghlaq u tinghata t-tender tal-Accountant.
- Ssir konsultazzjoni mar-residenti tan-naha tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern minhabba dawk ir-residenti li gew qabel ma bdiet il-laqgha u minhabba dak il-bir miftuh li hemm.
- Ta' nformazzjoni fuq il-bus stop gdid tal-Arriva rotta 54 u saqsa ghala ma giex fejn kien qabel? Is-Sur Cordina kellu jara mal-Arriva minhabba li dan kien mizjud fuq pressjoni li saret min-naha tieghu.
- Li ghandha tinghata prijorita' lill-Ufficcini l-godda u librerija. Qal li raw il-pjanta u li dan kien vera adattat b'200 metru kwadru filwaqt li qal li jispera li kien hemm bir.Is-Sur Spiteri qal li tajjeb wiehed jiehu l-parir tal-Gvern Centrali. Is-Sur Bartolo qal li jekk hemm bzonn naraw x'fondi hemm tal-UE. Is-Sur Cordina qal li hemm bzonn li din tinqata' u l-proceduri finalizzati.

Fl-ahharnett is-Sur Bartolo talab lil kulhadd inizzel id-data tat-8 ta' Mejju bhalha l-gurnata li fiha l-President ha jiltaqa' mal-Kunsill il-gdid fil-Palazz ta' Sant' Anton fl-10.30 ta' filghodu. Talab biex nixtrulu xi haga u qal ukoll li ghandu laqgha mal-Ambaxxatrici tat-Tunezija fuq possibilta' ta' Gemellagg.

**4. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fis-7.00pm ghas-16 t'April fis-6pm.

____________________ Sindku

____________________ Data